*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 15– 20 ta' Marzu 2025**

***Minuti tal-ħmistax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-20 ta' Marzu 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta u nofs ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 15. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**Pubbliku:** Ħadd

15.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku Steve Zammit Lupi ressaq tlett settijiet ta' minuti għall-approvazzjoni tal-laqgħat nru. 12, 13, 14. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Il-minuti tressqu għall-approvazzjoni. Is-Sindku Steve Zammit Lupi ressaq il-minuti għall-approvazzjoni u kien sekondat mill-Kunsillier Mario Attard. Ittieħed vot. It-tlett settijiet ġew approvati unanimament.

15.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Ix-xogħlijiet mill-Public Works li nbdew fuq ir-roundabout fi Triq Sciortino dalwaqt ikunu kompluti sal-ġimgħa ta' wara.
- Fuq ir-roundabout ta' Triq Sciortino ser isir dawl ġdid magħruf bħala directional lighting, sabiex din ir-roundabout tinxtegħel kif xieraq.
- Fakkar li fit-30 ta' Marzu ser issir pjazza pedonali.
- Fakkar ukoll li ser issir fid-29 ta' Marzu 2025 ser issir press conference sabiex jkunu inawgurat il-kunċett ta' playstreets ġewwa Ġnien il-Għodor.
- Il-Kunsill kien infurmat li ser isir patching fi Vjal il-Ħelsien, Triq Sciortino kif ukoll MikielAng Sapiano, minħabba li nieżla it-triq u qed tkun ta' periklu għas-sewwieqa.
- Il-qtugħ ta' ħaxix selvaġġ ser ikun sospiż sal-ewwel ta' Mejju sabiex jitkattru in-naħal u l-friefet. Ser isir avviż dwar din il-prassi li qed tiġi addottata.
- Dwar il-laqgħa li saret dwar Vjal Kulħadd u l-Proġett li kien approvat fi Triq Guliermu Lorenzi, saret laqgħa ta' informazzjoni fejn ittieħdet feedback dwar l-ilmenti prinċipali mingħand ir-residenti. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li huwa ltaqa mal-Periti tal-Proġett u ma' IM, fejn is-Sindku talab li l-iSports Court ikun eliminat u floku ssir obstacle course. Ser jiżdiedu ukoll water catchments li jilqgħu l-ilma għall-ġiebja li se ssir fl-istess proġett.
- Is-Sindku ħabbar li ser isir applikazzjoni għall-iskema Lokalitajiet aktar Nodfa sabiex isir tindif tal-pont li hemm fi Triq il-Buskett, il' fuq minn Farm Meat, liema parti mill-wied għandha bzonn tindif minn radam u imbarazz li akkumula matul iż-żmien. Ser ikun hemm bzonn ta' skips mill-kbar u kirja ta'krejn. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7:15pm  filwaqt li tkompliet fis-7:20pm.

Sadanittant is-Sindku Steve Zammit Lupi fid-dawl tal-mewt tal-Monsinjur Victor Grech, ippropona li Triq fil-limiti tal-Gianpula fit-triq taċ-Ċentru tar-Rijabilitazzjoni San Blas, tissemma' għall-Monsinjur Victor Grech. Il-Kunsillier Ayrton Mizzi ssekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

15.3 Tender for Public Convenience Attendants and Cleaning

Wara diskussjoni kien maqbul li jinħareġ tender għat-tindif tal-latrina l-ġdida, kien deċiż unanimament li:

- Ikun hemm attendant il-ħin kollu
- Ħinijiet ta' ftuħ – Xitwa mis-6am sas 7pm<br>Sajf mis-6am sal-10pm<br>Il-Ġimgħa tal-festa mis-6am sas-2am tal-għada

- Isir ħlas ta 50cents għal kull min irid jagħmel użu minnha
- Id-deterġenti jkunu nklużi u provduti mill-kuntrattur
- Flimkien mat-tindif regolari frekwenti tal-latrina, jitnaddfu wkoll iż-żewġ sulari ta' fuq l-istess latrina.

Dan il-vot ittieħed fuq vot tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Kunsillier Aryton Mizzi.

15.4 Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija

Is-Sindku Steve Zammit Lupi semma il-laqgħa li kienet mitluba mal-Kummissarju Angelo Gafa u li kienet laqgħa pożittiva. F'din il-laqgħa ntqal li min-naħa tal-Pulizija, li bħala rapporti dwar Ħaż-Żebbuġ naqsu ħafna tant li kull ma jkun hemm huwa madwar 70 każ fis-sena u Ħaż-Zebbuġ għandu jkun hemm Uffiċju tal-Community Police biss.

Il-Kummissarju waqt din il-laqgħa ħabbar li Ħaż-Żebbuġ ser isir proġett pilota fejn titpoġġa Smart Police Booth f'post prominenti li tkun imqabbda direttament mal-Kwartieri tal-Pulizija. Din il-kamra tkun tissakkar f'każ li anke il-persuna tkun teħtieġ protezzjoni sakemm ma jiġu il-Pulizija tal-RIU.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi talab lill-Kummissarju sabiex il-Community Police li hawn Ħaż-Żebbuġ ikunu ta' Ħaż-Żebbuġ biss. Issemma wkoll l-Uffiċju tal-Community Police li ser ikun inkorporat fil-Binja l-ġdida tal-Kunsill. Dawn it-talbiet kellhom jiġu evalwati mill-Kummissarju.

15.5 Monti fi Triq Sciortino

Il-Kunsillier Dr. Paul Mazzola talab li jkun skużat fit-8:40pm.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li ttieħdet ir-rassenja tal-Monti għal sitt ġimgħat konsekuttivi sabiex tittieħed idea ta' min qiegħed jarma. Fil-preżent m'hemm l-ebda waiting list.

Il-kunsilliera kollha qablu li l-Monti għadu jiġi regolarrizat u li ma jkun ittollerat l-ebda abbuż.

Fil-preżent, skont il-Gazzetta tal-Gazzetta tal-Gvern, tal-Monti jistgħu jarmaw fi Triq Luret Vella, u Triq Sciortino. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha li:

- Il-monti jkun limitat biss għal Triq Sciortino
- Il-bejjiegħa kollha ghandhom ikunu armati mar-rawndebawt fi Triq Sciortino jekk dejjem m'hemmx xi ħaġa li timpedina legalment.

Din il-proposta saret mis-Sindku Steve Zammit Lupi u sekondata mill-Kunsillier Mario Attard.

15.6 Sqaq Triq Dun Luret Callus

Bejn Triq il-Kbira u Dun Luret Callus hemm sqaq/fetħa li jista jigi aktar pulit jekk titneħħa id-diżlivell fil-bankina u ssir kurduna fuq iż-żewġ naħat u li l-konkoż isir bil-print jew bl-aggregate. Kien hemm qbil unanimu li dan ix-xogħol isir.

15.7 Fondi Kultura

Kien ikkomunikat mis-Sindku li hemm dawn il-fondi tal-kultura, li jammontaw għal madwar Eur20,000 u li l-ewwel 15% jinħarġu mill-Kunsill. Din l-iskema tagħalq f'Mejju.

Il-Kunsillier Mario Attard qal li f'Ottubru għandha tinstab ġurnata fejn issir attività fejn ikunu nvoluti l-każini fejn dawn jarmaw bi stands tal-ikel, jintrema park fejn is-salib u palk ieħor aktar l fuq fejn sar il-proġett fi Triq Sciortino, jinfetħu l-kappelli u anke l-Knisja Arċipretali.

15.8 Vot tal-Flus

Il-vot tal-flus kien preżentat u propost li jkun approvat mis-Sindku Steve Zammit Lupi. Huwa kien sekondat mill-Kunsillier Ayrton Mizzi. Il-Kunsillier Paul Badacchino ivvota favur għall-pagamenti kollha imma astjena mill-vot lil Victor Baldacchino tal-Isphinx. Il-kumplament tal-Kunsilliera ivvutat unanimament fuq il-vot kollu.

15.9 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:00pm.

**Steve Zammit Lupi**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**